Dispożittiv

1) Billi naqset, l-ewwel nett, milli tistabbilixxi u tagħmel operattivi l-programmi għall-monitoraġġ tal-istat tal-ilmijiet tal-wiċċ interni skont l-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2000, li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, u, it-tieni nett, billi naqset milli tippreżenta r-rapporti sommarji fuq il-programmi għall-monitoraġġ tal-istat tal-ilmijiet tal-wiċċ interni skont l-Artikolu 15(2) ta' din id-direttiva, ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 8 u 15 tal-imsemmija direttiva.

2) Ir-Repubblika ta' Malta hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-22 ta' Diċembru 2010 — Il-Kummissjoni vs L-Awstrija

(Kawża C-433/09)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Tassazzjoni — Direttiva 2006/112/KE — VAT — Valur taxxabbli — Taxxa imposta fuq il-kunsinna ta' vetturi li għadhom ma humiex irreġistrati fl-Istat Membru kkonċernat, skont il-valur u skont il-konsum medju tagħhom — 'Normverbrauchsabgabe'"

Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Valur taxxabbli (Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikolu 78) (ara l-punti 33-35, 38, 39, 43, 46)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Ksur tal-Artikoli 78 u 79 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) - Bejgħ ta' vettura bil-mutur - Inklużjoni fil-valur taxxabbli ta' taxxa fuq il-kunsinna ta' vetturi li għadhom ma humiex irreġistrati fl-Istat Membru kkonċernat skont il-valur u l-konsum medju tagħhom ("Normverbrauchsabgabe").

Dispożittiv

1) Billi inkludiet fil-valur taxxabbli t-taxxa fuq il-valur miżjud imposta fl-Awstrija fuq il-kunsinna ta' vettura bil-mutur skont il-konsum medju tagħha ("Normverbrauchsabgabe"), ir-Repubblika tal-Awstrija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 78 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Awstrija għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-22 ta' Diċembru 2010 — Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-276/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 2006/118/KE — Protezzjoni tal-ilmijiet ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"